MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
PHILIP MANDUCA**

Seduta tad-9 ta' Dicembru, 2004

Talba Numru. 1095/2002/1

**Media Consulta (Malta) Limited**

**Vs**

**Nikki Pillow ezercenti l-kummerc
bl-isem ta' "Lulu Restaurant"**

**It-Tribunal**

Ra l-Avviz tas-socjeta' attrici fejn intalab l-ammont ta' Lm218.50c (mitejn u tmintax-il lira Maltin u hamsin centezmu) in konnessjoni ma' reklamar.

Ra d-dokumenti esebiti bhala Dok. A u Dok. B ma' l-Avviz.

Ra r-Risposta tal-konvenut fejn gie eccepit preliminarjament li Nikki Pillow m'huwiex il-legittimu kontradittur u ghalhekk ghandu jigi liberat mill-osservanza tad-domandi.

Il-konvenut minghajr pregudizzju eccepixxa li l-ammont mhux dovut stante li r-reklamar ma sarx skond it-termini u l-kundizzjonijiet pattwiti.

Ra li fl-1 ta’ Lulju, 2002 deher biss il-konvenut u l-kawza giet differita ghall-provi kollha tal-partijiet u trattazzjoni ghat-30 ta’ Settembru, 2002.

Ra li fit-30 ta’ Settembru, 2002 deher biss il-konvenut li xehed bil-gurament li s-socjeta’ Lulu Limited tiggestixxi r-*restaurant* in kwistjoni u mhux Nikki Pillow personalment.

**Ikkunsidra**

Li s-socjeta’ attrici esebiet kopja ta’ dokument iffirmat minn Nikki Pillow.

Andrew Warrington ikkonferma li Nikki Pillow iffirma d-dokument esebit u li Nikki Pillow ma semma ebda kumpanija li tiggestixxi r-*restaurant*.

Illi dwar l-ewwel eccezzjoni fir-Risposta m’hemmx dubju li jekk il-konvenut ried li jorbot xi socjeta’ kellu l-obbligu li jiffirma ghan-nom ta’ dik is-socjeta’.

Fil-kawza **Poseidon Pools International Limited Vs Euroclub Holidays Company Limited (PA 28/10/2004)** intqal:

“Hija regola ewlenija fid-dritt dwar l-effett tal-obbligazzjonijiet li wiehed jitqies li wieghed jew ftiehem ghalih innifsu, sakemm il-kuntrarju ma jkunx stabbilit espressament mil-ligi, jew mill-partijiet infushom, jew jekk il-ftehim innifsu jghid mod iehor. Minbarra dan fi ftehim maghmul minn persuna f’isimha, hija dik il-persuna li tintrabat jew tobbliga ruhha”. (Ara wkoll **Art. 998, 999, 1000 u 10001 tal-Kap. 16**).

Ghalhekk l-ewwel parti tar-Risposta hi michuda.

Fl-istess kawza ntqal ukoll:

"B'mod generali li s-sejbien minn Qorti li tali persuna hija kontradittur legittimu m'ghandhiex tissarraf f'konkluzjoni definittiva li tali persuna hija l-hatja jew li b'hekk stqarret il-htija tat-talba maghmula kontriha f'dik il-kawza. Id-dikjarazzjoni ta' Qorti li parti f'kawza tkun kontradittur legittimu ma tfisser bl-ebda mod li dik il-Qorti ma tistax, meta tqis l-eccezzjonijiet ta' dik il-parti u wara li semghet it-trattazzjoni tal-kaz fil-mertu, aktar 'il quddiem tasal ghall-fehma li dik il-parti ma kellha xi twiegeb xejn ghall-htijiet attribwiti lilha mill-parti l-attrici."

Fit-tieni parti tar-Risposta l-konvenut jghid li l-ammont mhux dovut stante li r-reklamar ma sarx skond it-termini u l-kundizzjonijiet pattwiti.

Illi skond il-ftehim esebit mis-socjeta' attrici hemm il-kliem *"To write article for inclusion in text"*. Illi hemm ukoll il-kliem *"Monday – visit for dummy"*.
Illi skond il-konvenut il-ftehim kien li l-konvenut jinghata *another half page* ghall-istess prezz. Illi m'hemm xejn minn dan miktub fil-kuntratt.

Il-konvenut jghid li hu accetta l-kuntratt b'dan illi s-socjeta' attrici taghmel *write up* u jkun hemm ritratti. Il-verzjoni tal-konvenut li l-ftehim kien li huwa kellu jara abbozz ta' l-*advert* hija kredibbli ghaliex hemm nota *"Monday - visit for dummy"*.

Illi s-socjeta' attrici ma tistax tippretendi l-hlas skond kuntratt meta hi m'ghamlitx dak kollu li kien hemm miftiehem skond l-istess kuntratt.

Ghaldaqstant billi l-*advert* ma giex ippubblikat kif miftiehem dan it-Tribunal jichad it-talba attrici. In vista tac-cirkostanzi kull parti jhallas l-ispejjez tieghu.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM--------------------------------